

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

17 ta' Ġunju 2022

L-ewwel rapport komprensiv jikkonferma l-impatt tal-isforz kollettiv fit-titjib tas-sikurezza marittima fl-UE

Għoxrin sena wara l-inċidenti devastanti ta' Erika u Prestige, il-qafas Ewropew tas-sikurezza marittima evolva biex isir wieħed mill-aktar robusti fid-dinja. Dan huwa skont ir-Rapport Ewropew dwar is-Sikurezza Marittima (EMSAFE), l-ewwel ħarsa ġenerali komprensiva li qatt saret tas-sikurezza marittima fl-Unjoni Ewropea.

Wieħed mill-pilastri ewlenin tal-qafas tas-sikurezza tal-UE huwa l-kontroll tal-Istat tal-port, li jirriżulta f'aktar minn 14 000 kontroll tal-bastimenti kull sena minn spetturi fil-portijiet tal-UE, ikkumplimentati minn inizjattivi leġiżlattivi bħar-reġim spċificu ta' stħarriġ tal-UE għar-RoPax u l-inġenji ta' veloċità għolja, u l-obbligu għall-Istati Membri li jirrapportaw u jimmonitorjaw l-inċidenti ċentralment għall-analiżi u l-iżvilupp ta' azzjonijiet preventivi. Din il-leġiżlazzjoni tappoġġa l-implementazzjoni u l-infurzar tal-konvenzjonijiet internazzjonali adottati fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) billi tindirizza riskji speċifiċi u tistabbilixxi approċċ ċentralizzat b'appoġġ għas-sikurezza marittima.

Ir-rapport tal-EMSAFE, ippubblikat mill-[Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima](#) (EMSA) jenfasizza wkoll l-assistenza li l-Aġenzija tipprovdi lill-Kummissjoni Ewropea biex tivverifika l-implementazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE. F'dan ir-rigward, l-EMSA wettqet aktar minn 300 żjara fl-Istati Membri fisem il-Kummissjoni matul dawn l-aħħar għoxrin sena, kif ukoll aktar minn 300 spezzjoni ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti mill-UE, li lilhom l-Istati Membri qed jiddelegaw dejjem aktar kompiti marbuta mar-responsabbiltajiet tagħihhom tal-Istat tal-bandiera.

Barra minn hekk, matul l-istess perjodu twettqu aktar minn 70 spezzjoni ta' amministrazzjonijiet marittimi, istituti tal-edukazzjoni u tat-taħriġ f'pajjiżi terzi, biex jgħinu lill-Kummissjoni tivaluta l-konformità mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassha għall-Baħħara.

Fl-2020 biss ġew irregjistrati aktar minn 680 000 waqfa fil-portijiet tal-UE. L-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sikurezza bejn l-Istati Membri f'żoni bħall-merkanzija perikoluża ttrasportata, id-data dwar il-pożizzjonament tal-bastimenti, u r-reġistrazzjoni tal-passiġġieri, huwa għalhekk vitali. Konsegwentement, l-EMSA se tkompli tiżviluppa u ttejjeb is-SafeSeaNet, l-iskambju tad-data marittima fl-UE kollha, biex toffri servizzi ta' faċilitazzjoni, tissimplifika t-twettiq tal-obbligi ta' rappurtar, u tappoġġa leġiżlazzjoni ġdida u riveduta tal-UE. Dawn l-iżviluppi jikkonsolidaw ir-rwl tas-SafeSeaNet bħala l-pjattaforma primarja għall-informazzjoni dwar is-sikurezza marittima fl-UE.

L-EMSAFE hija rilaxxata fi żmien meta l-floċċa bil-bandiera tal-Istati Membri tal-UE qed tesperjenza tkabbir aktar bil-mod minn dak tal-floċċa dinjija (tkabbir ta' 3.4 % matul l-aħħar ħames snin meta mqabel ma' tkabbir ta' 7 % għall-floċċa dinjija). Għalkemm l-età medja tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istati Membri tal-UE hija ġeneralment komparabbi ma' dik tal-floċċa dinjija, xi kategoriji ta' bastimenti qed jixjeħu, inklużi l-bastimenti tal-passiġġieri, li għandhom età medja ta' 28 sena.

"Ir-rapport tal-lum jixxed kif l-isforzi tal-UE biex tiżgura s-sikurezza marittima kienu effettivi fil-prevenzjoni tal-inċidenti u fl-izgur ar-riposta ta' livekk għoli ta' regoli armonizzati tas-sikurezza madwar l-Unjoni. Fl-istess ħin, inċident marittimu wieħed jista' jkollu konsegwenzi katastrofiċi għall-ħajja tal-bniedem u għall-ambjent tal-baħbar, u



European Maritime Safety Agency

*għalhekk il-viġilanza u t-titjib kontinwi jibqgħu essenzjali. Nilqa' din l-inizjattiva siewja, li tipprovd iċċi għidha
essenzjali għas-sitwazzjoni tas-sikurezza marittima u l-kwistjonijiet li qed niffaċċċaw”, qalet il-Kummissarju tal-UE għat-Trasport, Adina Välean.*

Is-sikurezza hija l-pedament tal-attività marittimi kollha. Mingħajr sikurezza ma jista' jkun hemm l-ebda sostenibbiltà, l-ebda sigurtà, u l-ebda evoluzzjoni tas-settur tat-trasport marittimu fl-UE. Għalhekk, is-sikurezza hija fil-qalba tal-ħidma tal-EMSA, kemm issa kif ukoll fil-futur. Iżda r-rapport tagħna jagħimha ċara li s-sikurezza marittima hija, u dejjem se tkun, tħassib konġunt. Huwa biss billi naħdmu flimkien – fil-livell internazzjonali, Ewropew, nazzjonali, tal-politika, tal-industrija u tal-partijiet ikkonċernati – li nistgħu nsostnu l-qafas b'saħħtu li bnejna matul dawn l-aħħar għoxrin sena u nkomplu nilqgħu l-isfidi futuri, qalet id-Direttur Eżekuttiv tal-EMSA, Maja Markovčić Kostelac.

Xejriet futuri:

Skont ir-rapport, is-sikurezza marittima se tkompli toħloq sfidi fuq terminu qasir u medju, mhux biss fil-ġestjoni tal-flotta attwali, iżda wkoll fl-oqsma tad-diġitalizzazzjoni, it-teknoloġiji emerġenti, u s-sostenibbiltà.

- L-isforzi tas-settur biex jintlaħqu l-miri tal-emissjonijiet bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew huma marbuta wkoll mas-sikurezza marittima, speċjalment peress li l-użu ta' fjuwils ġoddha (idroġenu, metanol, ammonijaka, u bijofjuwils) u teknoloġiji tal-enerġija (batteriji u ċelloli tal-fjuwil) jeħtieġ li jkun sostnun minn standards ta' sikurezza adegwati.
- Barra minn hekk, l-għadd ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwils alternattivi, inklużi karozzi elettriċi, żidet b'29 % bejn l-2019 u l-2021 fl-UE, li jfisser li kemm il-vapuri tal-passiġġieri kif ukoll dawk tal-merkanzija jeħtieġ li jħejju għar-riskji tas-sikurezza tat-trasport ta' aktar minn dawn il-vetturi.
- Ir-rapport jenfasizza li għalkemm il-bastimenti awtonomi joffru opportunitajiet ġoddha għall-industrija, dawn iġibu wkoll sfidi fl-oqsma regolatorji u tekniċi, inkluża l-ħtieġa li jiġu żviluppati qafas legali, standards, stħarriġ, manuvri fuq il-baħar u fil-port, u l-kwalifikati ta' dawk abbord, fost l-oħrajn.

AKTAR INFORMAZZJONI:

Aqra r-rapport sħiħi: <https://emsafe.emsa.europa.eu>

KUNTATTI TAL-ISTAMPA

- Ruth McDonald: Ruth.MCDONALD@emsafe.emsa.europa.eu; +351 913 151 610
- Ann Macpherson: Ann.MACPHERSON@emsafe.emsa.europa.eu; +351 917 21 31 21
-